# IL-KAPPELLA NIBBIA

## - Il-Kappella tal-Għadam fil-Belt Valletta

VICTOR SCERRI

Ma jiena ngħid xejn ġdid meta ngħid li Valletta hi mogħnija b'bini storiku u ġrajjiet li sawru l-biċċa l-kbira tal-istorja tal-gżejjer tagħna. Lanqas ma nkun qed insemmi xi ħaġa ġdida jekk nalludi għall-Kappella tal-Għadam, in-naħa t'isfel ta' Valletta, qrib Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Lil hinn minn dan kollu, hemm storja mill-aktar sabiħa u interessanti. Storja ta' snin ilu.

Din il-Kappella tal-Għadam illum qajla hawn min jaf biha għax matul is-snin, dawn in-naħiet ġew trasformati waħda sew bi proġetti kapitali li ttrasformaw sew wiċċ Valletta, il-Belt kapitali ta' pajjiżna, Malta, proġetti iżda, li ma ħassrux għalkollox l-ispirtu kunċettwali storiku ta' dawn in-naħiet partikolari li jixhdu reliġjon, devozzjoni, patrijottiżmu, xogħol u testimonjanzi oħra.

Illum, forsi għad hemm biċċiet tal-ġebel li jfakkru lil din il-Kappella, biċċiet li jgħidu ħafna fis-skiet tagħhom, għal min għandu ftit tas-sabar, jieqaf ftit tal-minuti ħdejhom, u jinteressa ruħu ftit f'ħajjet dawk li ġew qabilna u li aħna nsejħu b'missirijietna. Dwar din il-kappella hemm tagħrif li permezz tiegħu, inkunu nafuha aħjar. Tagħha hawn kartolini, illum antiki, li juru kif kienet minn ġewwa.

Malta fl-aħħar taż-żminijiet tan-nofs ma baqgħetx dik il-blata mneżżgħa, fqira u minsija, anzi, il-miġja tal-Kavallieri f'pajjiżna fis-seklu XV1 tat spinta immensa fl-iżvilupp arkitettoniku, politiku, reliġjuż u amministrattiv.

Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, magħrufa aktar popolarment bħala l-Ordni tal-Kavallieri ġiet imwaqqfa appuntu din il-kappella ta' denominazzjoni Kattolika Rumana.

### DEKORAZZJONI OĦRA ĠEWWA VALLETTA

Din il-kappella twaqqfet ġewwa Valletta, li kienet ilha wieqfa ftit fuq il-ħamsin sena, appuntu għaliex Valletta kienet għadha belt ġdida li tiġbed l-interess. Fiha kien għad hemm l-ewwel residenti fl-ewwel djar li nbnew fuqha. Din il-kappella kienet waħda oriġinali għax ġiet imżejna, jekk nistgħu ngħidu hekk, bl-għadam skeletrali ta' nies li kienu midfuna fi mkien komuni.

Il-Kappella Nibbia nbniet fl-1619 b'fondi tal-kavallier Fra Giorgio Nibbia li ma' mewtu kien midfun kif xieraq ġewwa fiha. Il-kappella kienet iddedikata lill-Madonna tal-Ħniena jew kif kienet aktar magħrufa bl-ilsien Taljan dak iż-żmien: Madonna della Pietà u twaqqfet maġenb ċimiterju fejn kienu midfuna pazjenti li kienu mietu fis-Sacra Infermeria (illum Dar il-Mediterran għall-Konferenzi).

L-iktar li kienet tintuża kien biex ikun ċelebrat quddies għar-ruħ dawn il-pazjenti. Il-kappella kienet komunement magħrufa bħala Ta' Nibbia wara l-kavallier li bnieha, imma kienet ukoll magħrufa bħala taz-zuntier, kelma Maltija li dak iż-żmien kienet tfisser "ċimiterju". Il-kappella oriġinali ġiet imwaqqa fl-1730 u reġgħet inbniet fl-1731 b'disinji attribwiti lill-arkitett Barokk, Romano Carapecchia.

Fl-1776, iċ-ċimiterju tas-Sacra Infermeria tnaddaf biex il-fdalijiet umani li kien hemm midfuna fih ġew trasferiti f'osswarju taħt il-kappella. Fl-1852, kappillan tal-isptar, ċertu Reverendu Sacco qatagħha li jżejjen il-kripta bil-fdalijiet umani li kienu ġew imneħħija miċ-ċimiterju. Allura saret magħrufa bħala l-Kappella tal-Għadam, u bikri fis-seklu għoxrin saret attrazzjoni kemm għall-Maltin kif ukoll għat-turisti, u kienet murija fuq numru ta' kartolini postali.





### SAN ĠORĠ PRECA TA KONFERENZI FIHA

Matul is-snin, tradizzjoni lokali kienet tgħid li l-għadam fil-kripta ma kienx tal-pazjenti tas-Sacra Infermeria, imma ta' suldati li mietu matul l-Assedju l-Kbir ta' Malta fl-1565. San Ġorġ Preca żamm konferenzi dwar l-eskatoloġija Kristjana f'din il-kappella. Pellegrinaġġi nżammew fil-kappella, l-iktar matul ix-xahar ta' Novembru ix-xahar li hu marbut mat-tifkira għażiża tal-erwieħ.

Il-kappella ġarrbet ħsarat minn bombardamenti tal-ajru fl-14 ta' Frar 1941, matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Middehra xi fdalijiet umani ġew miġbura u midfuna fiċ-Ċimiteru tal-Addolorata, għad li l-kripta setgħet salvat u baqgħet intatta. Il-fdalijiet tal-kappella twaqqgħu fl-aħħar tas-snin sebgħin tas-seklu għoxrin, u tħallew biss ftit fdalijiet li baqgħu jidhru fuq il-post.

Il-fdalijiet tal-kappella, li jinkludu s-sarkofagu ta' Nibbia, huma issa misjuba f'naħa magħluqa fiż-żona tal-ipparkjar tal-Binja Evans. Il-fdalijiet tnaddfu fl-2002, mill-Koperattiva Servizzi Arkeoloġiċi u l-Grupp Arkeoloġiku Malti, imma minn dakinhar lil hawn reġgħu sabu ruħhom fi stat ta' telqa u traskuraġni. Parti mill-istorja ta' Valletta u sussegwentement ta' pajjiżna tinsab appuntu f'dan is-sit.

Fl-2008 dawn il-fdalijiet kienu skedati mill-Awtorità Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar bħala monument nazzjonali Klassi B. Imma dan hu minn kuntest ta' formalità u istituzzjonijiet attivi. Aħna jimpurtana ħafna mill-istorja. Jimpurtana mill-istorja, għax l-istorja hi dik li tixhed x'sar u ma sarx u mill-istorja nistgħu nitgħallmu fejn jinsabu ħwejjeġ ta' interess lokali, nazzjonali u dinji.

### IT-TIFSILA

Il-Kappella Nibbia kienet binja ottagonali b'koppla. Il-faċċata kellha bieb imdaqqas bil-bieb prinċipali, li kien maqbud b'żewġ settijiet ta' kolonni Doriċi fuq kull naħa. Il-bieb kellu travi kbar bi plakka tal-irħam, li kienet mogħnija b'pediment b'kisra tonda. In-naħa ta' fuq kellha tieqa arkata ċentrali bejn raggruppi żgħar ta' pilastri u skrolli jiġru, u kienet separata min-nofs baxx tal-istruttura minn gwarniċ irqiq.

Pediment trijangulari ieħor isaqqaf il-binja. Il-kripta wkoll fiha ftit ta' osservazzjoni interessanti. Din hija essenzjalment il-Kappella tal-Għadam. Il-kappella għandha kripta taħt l-art forma ta' kaxxaforti li serviet bħala osswarju. Fdalijiet skeletrali ta' pazjenti li mietu fis-Sacra Infermeria kienu rranġati f'disinni dekorattivi mal-ħitan, u għaldaqstant il-kripta ġiet magħrufa minn-nies bħala l-Kappella tal-Għadam.

Il-kripta kellha artal wieħed, li kellu kitba bil-Latin li tibki l-effemerità tal-ħajja u titlob talb għall-mejtin. Il-post ezatt tal-kripta ntilef u jista' jkun li kien jew taħt il-kappella nnifisha jew fil-viċinanza immedjata. Għad li l-kappella nqerdet matul il-bumbardamenti tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-kripta jaf għadha teżisti. Niftakru li taħt l-art jaf ikunu priservati bosta affarijiet oħra.

It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet konsegwenzi traġiċi u diżastrużi fuq Malta u Valletta, il-Belt Kapitali tagħha messitha x-xorti ħażina li tlaqqatha sewwa mill-attakki tal-għadu minħabba l-attività grandjuża tagħha fil-Port il-Kbir u saħansitra minħabba, li bħall-preżent, ħafna mill-binjiet tal-amministrazzjoni jinsabu fi ħdanha. Hekk ukoll qerdet il-Kappella Nibbia, il-Kappella tal-Għadam.

### IŻ-ŻMIEN IBIDDEL

Minħabba li kif għidna, il-gwerra qerdet din il-kappella u allura użu tagħha aktar ma kienx hemm, tard fis-snin sebgħin, il-fdal tagħha tneħħa. Illum il-pedamenti tas-sit jinsabu fin-naħa tal-parkeġġ tal-Bini Evans qrib Sant'Iermu ġewwa Valletta, imma l-Kappella tal-Għad-

am, m'għadhiex aktar. Jew tal-anqas hekk jingħad. Għax xi wħud, kif għedna, għandhom fehma oħra.

Xi wħud jemmnu li l-kripta ħelsitha mill-ibbumbardjar, bil-kripta għadha tħaddan id-dekorazzjoni makabra tagħha u xorta għadha tħaddan is-sarkofagu bil-fdalijiet tal-kavallier Taljan Fra Nibbia (1555-1619). Madankollu, ħadd għadu ma skoprieha mill-ġdid, tal-anqas għalissa. Forsi, xi darba, għad jiskopruha. U jekk dan iseħħ, naturalment, tkun xi ħaġa mill-aqwa u mill-isbaħ. Dan juri kemm Valletta minn dejjem kellha fi ħdanha strutturi formidabbli storikament u kulturalment. Għad li din il-kappella kienet miksija bl-għadam tal-mejtin, u allura dan kien forsi juriha bħala post ta' biża' aktar milli post ta' qima reliġjuża, tajjeb ma ninsewx li ġibdet lejha l-attrazzjoni ta' bosta nies, Maltin u turisti. Ironikament kellha tkun meqruda f'Jum San Valentinu tal-1941.

Ta' min wieħed jgħid hawnhekk, li r-Rev. Sacco ma kienx waħdu li ġietu l-idea li jżejjen, biex ingħidu hekk, il-kappella msemmija bl-għadam tal-mejtin. Tidher xi ħaġa gotika wisq illum, li żżejjen knisja, kappella, kannierja jew xi tkun, bl-għadam ta' min jaf kemm u kif kien dak li ħallew din il-ħajja, imma f'dak iż-żmien tas-seklu dsatax, ma kinitx tinftiehem daqshekk stramba, gotika jew tal-biża'.

### KAPPELLI OĦRAJN IDDEKORATI B'GĦADAM UMAN

Kappelli tal-Għadam huma, apparentement, xi ħaġa fil-kultura Kattolika Rumana. Wieħed jaf jiġih il-ħsieb li l-istess Knisja Kattolika li llum tabborri ċ-ċelebrazzjoni ta' Halloween, fuq premessa li din iċ-ċelebrazzjoni tinftiehem makabra, kellha topponi idea bħal din. Madankollu, madwar id-dinja, hemm ftit aktar kappelli ddekorati bil-għadam uman. U dawn jistgħu jissemmew.

Pereżempju, Kappella tal-Għadam tas-sittax-il seklu tinsab f'Evora, il-Portugall. Din hi mżejna bil-kbir b'għadam, kranji u iġsma sħaħ imdendlin mal-ħajt. Tidher makabra wisq hux tassew?! Fir-Repubblika Ċeka u sewwasew f'Kutna Hora hemm kappella Kattolika Rumana li hija magħrufa bħala l-Osswarju Kostnice. Tinsab fil-kripta tal-Knisja taċ-Ċimiterju tal-Qaddisin Kollha.

Jingħad li din il-kappella tħaddan l-għadam ta' madwar 40,000 sa' 70,000 persuna. Għaldaqstant il-proġett Malti mhux biss tkompla miexi 'l quddiem, talli saħansitra kiseb popolarità kbira. L-ewwel issemma San Ġorġ Preca u nkiteb li fil-Kappella tal-Għadam ta' Nibbia huwa kien jitkellem fuq l-eskatoloġija Kristjana. Imma din il-kelma, xi tfisser sewwasew?

L-eskatoloġija Kristjana hija parti minn teoloġija li tikkonċerna l-mewt, il-ġudizzju u d-destinazzjoni finali tar-ruħ. Għaldaqstant, Novembru, ix-xahar tal-mejtin, ra diversi pellegrinaġġi lejn din il-kappella. Ta' min wieħed jirrekordja wkoll, li din il-Kappella tal-Għadam ġewwa Valletta damet taqdi l-funzjonijiet ta' devozzjoni reliġjuża tagħha u ta' attrazzjoni makabra turistika għal madwar mitt sena.

### AKTAR TIBDILIET MAŻ-ŻMIEN

It-tibdiliet maż-żmien isiru bżonn, necessità li awtomatikament tkun aċċettata mill-pubbliku li jifhem l-esiġenzi mumentarji. Kien għalhekk li l-kappella ġiet żmantellata fl-1730. Din riedet tagħmel wisa' għall-espansjoni tal-isptar. Fra Giorio Nibbia miet fl-1619 u kif għedna ġie midfun f'sarkofagu tal-ġebel fil-kappella stess. Imma anki dwar dan il-kavallier hemm storja ddur.

X'inhi din l-istorja? Dak iż-żmien, jiġifieri snin wara li Fra Giorgio miet u sewwasew madwar l-1730, infetaħ il-qabar tiegħu, u jingħad li l-ġisem tiegħu deher mhux mimsus mill-mewt. Il-knisja reġgħet inbniet is-sena ta' wara fl-istil Barokk, bil-bini attribwit lil Romano Carapecchia. Fl-1776 ittieħdet imbagħad id-deċiżjoni li jċaqilqu ċ-ċimiterju minn fejn kien jinsab sa dakinhar.

Il-fdalijiet ġew eżumati u reġgħu ndifnu taħt l-art f'osswarju kbir taħt il-kappella. Imbagħad, fl-1852, dak li kien il-kappillan tal-isptar ta' dak iż-żmien, ir-Reverendu Sacco qatagħha li juża l-għadam bħala tiżjina, u żejjen il-ħitan u s-saqaf tal-kripta b'forom u mudelli elaborati magħmula kollha mill-fdalijiet skeletrali umani. Interessanti ħafna kif kienu ffurmati madwar il-kappella dawn il-fdalijiet umani.

Hu sawwar xejriet ikkomplikati b'għadam twil imsallab, skapuli ġew użati għall-forom floreali, kranji jiksu l-ħitan, u għadam iżgħar kien użat biex jimla. Fid-dinja, ċivilizzata jew selvaġġa, qajla hemm spettaklu makabru u tal-waħx daqs dan. Fl-1914, fil-ktieb Six and One Abroad, il-kittieb Sidney J. Thomas kiteb dwar il-Knisja ta' San Ġwann ġewwa Valletta, fejn relikwija jingħad li hija l-id il-leminija mummifikata ta' San Ġwann l-Għammiedi.

### DAN L-AWTUR KITEB UKOLL FUQ IL-KAPPELLA TAL-GĦADAM TA' NIBBIA

L-id mummifikata ta' San Ġwann il-Battista kellha ċurkett tad-djamanti f'xi subgħa minnhom li nsteraq minn Napuljun. Dan il-fatt jew għajdut, isemmih Sidney J. Thomas qabel idur biex ifisser id-destinazzjoni makabra l-oħra ġewwa Valletta. Ser naqleb għall-Malti dak li Sidney J.Thomas kiteb bl-Ingliż fuq il-Kappella tal-Għadam, skont naturalment kif raha u fissirha hu bil-fehma tiegħu dwarha.

Huwa kiteb: "Iżda appartament aktar waħxi f'dan il-bini notevoli hija kappella li l-ħitan u s-saqaf tagħha huma miksija bil-kranji għat-taħsir tal-bniedem". Thomas imbagħad kompla, "Din it-tiżjina ta' l-għadam mormi mhix imwarrba bl-addoċċ u f'biċċiet skars hawn u hemm iżda hija rranġata b'ħila artistika f'kull tip ta' disinn iffurmat fi skeletri b'qafas inkwadrat li jduru bi tbissim ikraħ, fil-kurvi tal-għadam tad-driegħ u arkati tal-klawsoli u t-twieqi u l-immakkinar tal-kustilji.

Fid-dinja, ċivilizzata jew salvaġġa, m'hemmx spettaklu makabru u waħxi aktar minn dan. Kien artist għaqli li ġabar dawn, ir-relikwi tal-Kavallieri b'saħħithom ta' Malta, fi skemi daqstant straordinarji ta' drapp u frisji u tiżjin hawn u għadma ta' driegħ mitmuma b'ġonot tas-swaba u tiltaqa' ma' oħra tal-istess tip u jżommu flimkien kranju tat-taħsir bħala l-punt ewlieni ta' arkata; insomma ringiela ta' kolonni bl-uċuħ tagħhom imżejna bil-kranji"

Din id-deskrizzjoni kważi fotografika li ta l-kittieb Sidney J. Thomas hija kjarifika ta' dak li ra huwa nnifsu u li naturalment impressjonatu bis-sħiħ. Għalkemm fiha apprezza l-bixriet artistiċi ta' kif tpoġġew l-għadam biex isawru forom u disinji ta' ċerta kwalità u klassi, ma naqasx li bħal donnu, sottilment jiddeplora dan it-tip ta' ssettjar li jagħti bixra makabra lil lok ta' portata reliġjuża.

### TALBA

Kien tajjeb li nitgħallmu li l-Maqbar ta' Spencer, wara li b'att vandalu tal-misthija ġie desakrat, issa qed jiġi restawrat bħala parti mill-proġett ta' Dar l-Erbat'Irjieħ (il-House of Four Winds) u li l-kappella ta' Santu Rokku fuq il-Kontragwardja ta' San Mikiel qed tinbena mill-ġdid. Dawn ix-xogħlijiet għad jaraw it-twaqqif mill-ġdid ta' żewġ postijiet storiċi bilkemm magħrufa ġewwa Valletta.

Nappella lill-awtoritajiet jestendu x-xogħol tajjeb tagħhom billi saħansitra jinnotaw il-fdalijiet tal-Kappella Nibbia, li qiegħda fiż-żona tal-ipparkjar tal-Binja Evans. Iċ-ċint li jdawwar is-sit inqered kważi totalment filwaqt li n-naħa darba sagra ta' ġewwa saret miżbla. Dan mhux sew, aktar u aktar meta jingħad, li fost l-irjus skeletrali li kienu jżejnu l-kappella kien hemm dik tal-patrijott Dun Mikiel Xerri.

It-telqa f'dan il-post hija ta' dehra li timbarazza, partikolarment billi mijiet ta' turisti jgħaddu minn hawn kuljum. Apparti dan, ma rridux ninsew il-valur sinifikattivament storiku ta' dan is-sit. Il-ftit fdalijiet prezzjużi tal-ġebel, inkluż is-sarkofagu li fih il-kavallier Taljan Fra Giorgio Nibbia (1555-1619) kien imqiegħed għall-mistrieħ, qegħdin jitmermru malajr b'riżultat ta' espożizzjoni għall-elementi u t-traskuraġni.

Attribwita lill-arkitett Romano Carapecchia, din il-kappella ma kinitx bħal l-oħrajn kemm fid-disinn kif ukoll fl-użu. Din bidlet oħra qabilha, li fl-1730 kellha tiġi mwaqqa' biex tagħmel triq għat-tkabbir tal-isptar tannisa fil-qrib. Taħt il-fdalijiet, hu magħruf li teżisti kripta mdaqqsa. Maħtura lill-Madonna tal-Ħniena, il-kappella ġdida kienet tmiss maċ-ċimiterju li fih indifnu nies bla għadd wara li mardu jew weġġgħu u kienu pazjenti fis-Sacra Infermeria biswitha.

### ĦASRA JEKK MA NTEJBUHIEX

Jekk ma ssirx xi ħaġa mill-aktar fis, biex ma nkomplux nagħtu bis-sieq il-ġid li għandna qrib tagħna, din il-kripta/kappella midfuna taħt l-art u ħafna oħrajn bħalha ser jinqerdu u jintesew għal kollox. Ħasra li tara fdalijiet bħal dawn mgħottija biż-żibel u ħaxix li jikber fuqhom. Wara tindif birreqqa u konsolidazzjoni tal-fdalijiet, tkun idea tajba jekk ikun installat apparat ta' dell riversibbli biex jipproteġi l-fdalijiet fraġli u jdawwar il-lok fi spazju kwiet meditattiv kif sar ma numru ta' binjiet sagri bumbardjati f'Londra.

Eżercizzju bħal dan sar mit-Taqsima Restawr fis-Siġġiewi fejn il-fdalijiet tal-knisja parrokkjali l-qadima ġew ippriservati b'mod espert u b'suċċess imdawwra f'attrazzjoni arkejoloġika. Inċidentalment, jista' s-sinjal li bi żball qed jgħid "Chapel of Boness" jitneħħa u jitqiegħed floku panel bit-tagħrif korrett? Din hi mistoqsija u talba fl-istess ħin, għal titjib konsiderevoli f'dawn il-ħwejjeġ.

L-Imħallef Giovanni Bonello, li forniena b'tagħrif siewi u storiku kemm fuq din il-kappella kif ukoll fuq affarijiet oħra li jikkostitwixxu l-istorja ta' Malta, għamel riċerka wiesgħa u kiteb fuq il-kappella Nibbia ukoll. Fatt li ftit huma dawk li jafuh u allura wisq inqas jinnotawh hu li l-Kappella tal-Għadam attwali tinsab taħt l-art iktar 'il quddiem il-Binja Evans u nisperaw li xi darba terġa' tiġi skoperta, u tiżvela monument storiku ieħor mitluf tal-belt kapitali splendida tagħna, Valletta.

